24 ta' April, 1954

**Imħallef:**
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

*Il-Pulizija versus Toni Muscat*

**Korruzzjoni kontra l-Liġi Elettorali — Personifikazzjoni ta' Elettur — Kompetenza — Art. 66 tal-Kap. 163**

*Mhux ir-reati kollha kommessi bi vjolazzjoni tal-Liġi Elettorali huma ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Meta l-piena teċċedi l-kompetenza ta' dik il-Qorti, ir-reat ikun ta' kompetenza ta' dik il-Qorti bħala Qorti ta' Kriminali Istruzzjoni.*

Il-Qorti: — Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, talli f'Ħaż Żabbar, fit-13 ta' Diċembru, 1953, waqt il-votazzjoni għall-elezzjoni ta' Membri ta' l-Assemblea Leġislativa, (a) ikkommetta att ta' korruzzjoni kontra l-Liġi Elettorali dwar il-Votazzjoni, jiġifieri personifikazzjoni ta' elettur, billi fil-post tal-votazzjoni nru. 43 talab polza tal-votazzjoni f'isem Eugenio Borg; (b) ikkommetta att ieħor ta' korruzzjoni kontra l-Liġi Elettorali dwar il-Votazzjoni, jiġifieri personifikazzjoni ta' elettur, billi fil-post tal-votazzjoni nru. 40 talab polza tal-votazzjoni f'isem bniedem mhux magħruf; (c) kien fil-pussess illeġittimu ta' avviż lill-eletturi f'isem il-ġa msemmi Eugenio Borg; (d) kien fil-pussess illeġittimu ta' avviż lill-eletturi f'isem bniedem ieħor mhux magħruf; (e)

b'qerq, qiegħed f'kaxxa tal-votazzjoni polza tal-votazzjoni f'isem Eugenio Borg, li ma kienetx il-polza tal-votazzjoni li kien awtorizzat bil-liġi li jitfa ġewwa l-kaxxa tal-votazzjoni; (f) u, b'qerq, qiegħed f'kaxxa tal-votazzjoni polza tal-votazzjoni f'isem bniedem mhux magħruf, li ma kienetx il-polza tal-votazzjoni li kien awtorizzat bil-liġi li jitfa ġewwa l-kaxxa tal votazzjoni;

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-1 ta' Marzu, 1954, li biha dik il-Qorti ordnat li l-kawża tiġi trattata bħala kawża sommarja, billi tidħol fil-kompetenza tagħha bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza l-oħra ta' dik il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 1954, li biha sabet lill-imputat ħati talli fit-13 ta' Diċembru, 1953 (a) ikkommetta att ta' korruzzjoni kontra l-Liġi Elettorali, ċjoè personifikazzjoni ta' elettur, fil-post tal-votazzjoni nru. 43, billi talab polza u vvota f'isem Eugenio Borg, u (b) ikkommetta personifikazzjoni oħra ta' elettur fil-post tal-votazzjoni nru. 40, billi talab polza u vvota f'isem persuna mhux magħrufa, u kkundannatu għall-priġunerija għal żmien xahrejn u għaxart ijiem;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni dwar il-meritu fuq imsemmija, taż-17 ta' Marzu, 1954;

Rat ir-rikors l-ieħor ta' l-Attorney General, li bih appella miż-żewġ sentenzi fuq imsemmijin, u talab, "inter alia", li l-kawża tiġi dikjarata mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, imma ta' dik il-Qorti bħala Qorti Istruttorja;

Trattat dan il-punt ta' l-aħħar, dwar il-kompetenza;

Ikkunsidrat:

Il-Liġi Elettorali (Kap. 163 Ediz. Riv.), fl-artikolu rilevanti għal dan il-każ (art. 66), tgħid hekk:

"(1) Il-kwistjonijiet kollha dwar il-jedd ta' persuna li tkun jew li tibqa' Membru tal-Kunsill tal-Gvern għandhom jinġiebu quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re, u jiġu deċiżi minn din il-Qorti";

"(2) Kull proċediment kriminali taħt din l-Ordinanza jinġieb quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija

Gudizzjarja, u jgħoddu għal dawn il-proċedimenti d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi *Kriminali* (Kap. 12)";

Il-Maġistrat irritjena li r-reati taħt il-liġi fuq imsemmija huma kollha ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għaliex interpreta t-tieni subartikolu bħala li jagħti lil dik il-Qorti kompetenza biex tiġġudika r-reati kollha *msemmija* f'dik il-Liġi indipendentement *mil-fatt li l-piena teċċedi l-kompetenza ordinarja tal-Qorti ta'* Ġudikatura Kriminali;

Din il-Qorti ma taqbelx f'din l-interpretazzjoni, għarraġunijiet li sejrin jingħadu:

(a) Ma hijiex eżatta l-osservazzjoni tal-Maġistrat illi, kieku ma jingħatax lit-tieni subartikolu s-sens li ġie mogħti lilu fid-deċiżjoni appellata, kien ikun superfluwu. Hu ċar li l-leġislatur, fl-art. 66, ried jikkjarifika f'ema kawżi kellhom jinqiesu ta' indoli ċivili u ikunu esperibbli quddiem il-Qorti ta' l-Appell, Sede Ċivili, u liema kawżi kellhom jitqiesu ta' indoli kriminali u jkunu devoluti lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, li għandha ż żewġ attribuzzjonijiet imsemmijin fl-art. 379(1) *Kap.* 12. Din il-kontrappożizzjoni tattieni ma' l-ewwel subartikolu kienet meħtieġa għaliex ta'xi liġijiet ta' pajjiżi oħra, li kwistjonijiet elettorali ikun hemm Qorti (Election Court), jew Kummissjoni, jew Ġunta, eċċ., speċjalment kostitwita, li tieħu konjizzjoni tant talkwistjonijiet ċivili kemm ta' dawk kriminali, u għalhekk illeġislatur Malti hass il-bżonn li, b'dispożizzjoni espliċita, u billi jikkontrapponi waħda ma' oħra, jalloka l-kompetenza ċivili u dik kriminali fi kwistjonijiet u f'abbużi elettorali;

(b) Hu prinċipju mhux dubitat li deroga għall-kompetenza ordinarja għandha tirriżulta ċara. Il-Maxwell (Interpretation of Statutes, 1953 edit., page 128) jgħid "in subjecta materia": "It is supposed that the legislature would not make any important *innovation without* a very explicit expression of its intention"; bekk, per eżempju, kieku fil-bidu tas-subartikolu in kwistjoni ntużaw il-kliem "notwithstanding anything contained in the Criminal Code ........", jew aħjar il-kliem "notwithstanding the provisions of ss. 382 and 10 of the Criminal Code, Chap. 12" ........" (ara Russell,

Legislative Drafting and Forms, 1938 edit., p. 113). Hu ammess li jista' jkun hemm anki dak li jissejjaħ "ouster by necessary implication"; imma jeħtieġ dejjem li l-eskluzjoni jew deroga tal-kompetenza ordinarja tkun ċara u univoka. Issa, f'dan il-każ, il-kliem użati huma "Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja", u mhux bl-aġġunta "bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali"; u l-kliem "Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja" huma tali li, fit-termini ta' l-art. 379 Kap. 12, jikkomprendu ż-żewġ attribuzzjonijiet ta' dik il-Qorti;

(c) Il-pretiża deroga hi ukoll eskluża bil-konsiderazzjoni li anzi, proprju f'dak l-istess subartikolu, jingħad "u jgħoddu għal dawn il-proċedimenti d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali (Kapitlu 12)"; u għalhekk jgħoddu wkoll, fost dawk id-dispożizzjonijiet, l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali li jiddeterminaw il-kompetenza bejn il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti Istruttorja. Għalhekk il-leġislatur mhux talli ma hux qed jeskludi l-kompetenza ordinarja, imma anzi, bir-riferenza espressa għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, qiegħed jaffermaha;

(d) Hemm ukoll ir-rifless li, mentri fl-ewwel subartikolu l-leġislatur ma llimitax ruħu għall-kliem "jinġiebu quddiem eċċ.", imma żied il-kliem "u jiġu deċiżi minn din il-Qorti", fit-tieni subartikolu qal biss li kull proċediment kriminali "jinġieb", bla ma żied il-kelma l-oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Wara li rat l-art. 440(1) Kap. 12;

Tiddeċidi:

Billi tħassar iż-żewġ sentenzi fuq imsemmija u tibgħat l-attijiet lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti Istruttorja;

U f'dan is-sens iddisponiet, limitatament għall-pont fuq deċiż, miż-żewġ appelli.